MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 2265/1997/1

**George Pace Company Limited**

**vs**

**Rock Cut Co. Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici hi kreditrici tas-socjeta' konvenuta Rock Cut Co Limited fis-somma ta' elf, hames mija u disgha u erbghin lira u hames centezmi (Lm1,549.05) hlas dovut ghal servizz ta' kiri ta' krejnijiet moghtija lis-socjeta' konvenuta;

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas is-somma msemmija, baqghet inadempjenti;

U illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont;

Ghalhekk is-socjeta attrici tablet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija u disgha u erbghin lira u hames centezmi (Lm1,549.05), hlas ta' servizz ta' kiri ta' krejnijiet moghtija lill-istess socjeta' konvenuta kif fuq inghad;

Bl-ispejjez komprizi ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Settembru 1997 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa ezagerat u hazin stante li:

(a) is-socjeta' attrici qed ticcargja ghall-kiri ta' cranes ghal granet fejn dan ma kienx mitlub mill-eccipjenti;

(b) il-kiri gie ccargjat bil-gurnata minflok bis-sighat kif miftiehem;

(c) ir-rati ccargjati ghal certi okkazjonijiet huma ezagerati;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elf, hames mija u disgha u erbghin lira u hames centezmi (Lm1549.05) ghas-servizz ta’ kiri ta' krejnijiet a favur tal-istess socjeta' konvenuta. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-msemmi ammont;

Is-socjeta konvenuta, da parti taghha, qed teccepixxi, li l-ammont mitlub hu ezagerat u hazin billi s-socjeta' attrici qed tippretendi hlas ghall-kiri ta' krejnijiet fi granet fejn dan il-kiri ma kienx mitlub, billi qed titlob hlas ta’ kiri bil-gurnata minflok bis-sighat kif kien miftiehem u billi r-rati li qed titlob is-socjeta attrici huma ezagerati;

Dwar dawn l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghandu jinghad mill-ewwel li bl-ebda mod ma jirrizulta li r-rati li qed titlob is-socjeta attrici huma ezagerati;

Jirrizulta li l-kiri tal-krejnijiet in kwestjoni kien ghal periodu ta’ bejn Mejju u Dicembru 1996. Il-partijiet jaqblu li qabel ma beda jinghata dan is-servizz ma kien hemm l-ebda ftehim bejnithom dwar ir-rata li kellha tinzamm ghal dan il-kiri. Lanqas ma kien hemm ftehim dwar jekk din ir-rata kelliex tkun bil-gurnata jew bis-siegha. Jidher li l-usanza f’dan it-tip ta’ negozju hi li meta ma jkunx hemm ftehim ir-rata ghar-rigward tal-kiri tkun skond il-gurnata. Is-socjeta attrici kkonfermat li l-kontijiet inhargu a bazi tal-granet li fihom l-ingenji inkrew mis-socjeta konvenuta;

Jirrizulta pero’ li s-socjeta konvenuta kienet tuza l-krejn, fl-imsemmi periodu, qisu gurnata kull tlieta jew erba' t'ijiem. Ghalhekk is-socjeta konvenuta qatt ma uzat il-krejn ghal granet wara xulxin. Jirrizulta inoltre li kien hemm okkazzjonijiet fejn il-krejn thalla fuq il-post ghal granet shah anke matul il-lejl, meta ovvjament ma kienx jintuza. Jirrizulta ghalhekk li kien hemm granet fejn is-socjeta konvenuta ma uzatx il-krejn, pero' xorta s-socjeta' attrici qed tippretendi hlas ghal dawk il-granet. Jidher ukoll li is-socjeta attrici qed tikkalkola gurnata li kienet il-Hadd, meta jidher li s-socjea konvenuta qatt ma hadmet f’xi gurnata tal-Hadd;

Is-socjeta konvenuta tikkalkola li mill-ammont li qed titlob is-socjeta attrici hi ghandha tghati biss massimu ta’ disa mitt liri maltin (Lm900);

In vista tal-imsemmija rizultanzi jidher li l-ammont kollu, kif mitlub mis-socjeta attrici, mhux dovut. In vista tal-istess rizultanzi u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti ser tillikwida “arbitrio boni viri” l-ammont li s-socjeta konvenuta ghandha tghati lis-socjeta attrici u dana fis-somma ta’ elf u mitejn liri maltin (Lm1200);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u mitejn liri maltin (Lm1200) liema ammont qed jigi likwidat “arbitrio boni viri” dovut bhala hlas ghas-servizz ta' kiri ta' krejnijiet u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------